MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1228/2001/1

**Oliver Lautier u martu Carmen ghall kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Topserv Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru 2001 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm361.77), u fejn intqal:**
**Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta ghall-perjodu ta' zmien u fl-istess zmien l-attur kellu jiehu somma ta' flus rapprezentanti pagament li l-istess attur kien ghamel lil terzi ghan-nom tas-socjeta` konvenuta;**

**Illi l-hlas dovut lill-attur kien qed isir mis-socjeta` konvenuta b'rati mensili u meta huwa ttermina l-impieg tieghu minn mas-socjeta` konvenuta, kien fadal bilanc ta' erbgha mija u wiehed u sittin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm461.77), mill-liema ammont thallsu biss mitt lira (Lm100.00) akkont u l-bilanc ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm361.77) baqa' mhux imhallas mis-socjeta` konvenuta minkejja li kienet interpellata sabiex taghmel dan anke permezz ta' ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju, 2001, debitament notifikata;**
**Ghaldaqstant qed issir it-talba ghall-hlas ta' l-istess somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm361.77) minghand is-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet fuq imsemmija;**
**Bl-ispejjez tal-presenti u dawk ta' l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fid-9 ta' Novembru, 2001, fejn intqal illi t-talba hija kontestata stante li dan l-ammont mitlub mill-atturi mhux kollu dovut lilhom. Dan minhabba l-fatt li l-attur Oliver Lautier huwa debitur tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm232.75). Dawn huma danni sofferti mis-socjeta` konvenuta konsistenti fi spejjez gudizzjarji nkorsi minnha in konnessjoni mal-kawza 209/98GCD deciza kontra s-socjeta` konvenuta. Din id-decizjoni avversa inghatat kontra s-socjeta` konvenuta minhabba l-fatt li Oliver Lautier naqas minn dmirijietu lejn is-socjeta` konvenuta fiz-zmien meta huwa kien impjegat maghha. Ghalhekk hemm lok ghal kumpensazzjoni bejn dawn iz-zewg pendenzi u f'dan is-sens qed tigi proferita l-kontrotalba annessa.**

**Illi fil-kontrotalba s-socjeta` konvenuta tablet il-hlas ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm232.75) flimkien mal-imghax u l-ispejjez gudizzjarji, liema mitejn u tnejn u tletin lira**

**Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm232.75) huma spejjez gudizzjarji inkorsi minn Topserv Limited fil-kawza 209/98GCD u dan wara li Oliver Lautier, li kien bniedem responsabbli u impjegat ta' Topserv Limited dak iz-zmien, naqas milli jiehu azzjoni immedjata sabiex tali kawza ma ssirx kontra s-socjeta` Topserv kif ukoll naqas milli jiehu l-mizuri mehtiega u li kienu jaqghu fil-paramentri ta' l-ufficcju u l-inkarigu sabiex Topserv Limited tkun tista' tiddefendi ruhha f'dik il-kawza 209/98GCD. Minhabba f'dawn in-nuqqasijiet Topserv Limited sofriet dawn id-danni fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm232.75).**

**Ra r-risposta ghall-kontrotalba prezentata fit-30 ta' Novembru, 2001, fejn intqal:**
**i. Illi l-ammont mitlub fil-kontrotalba rapprezentanti spejjez gudizzjarji intaxxati huma dovuti skond is-sentenza tal-kawza hemm citata u dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jissindika tali decizjoni;**
**ii. Illi l-fatti dikjarati huma kkontestati peress illi s-socjeta` konvenuta ma sofriet ebda danni, u minghajr pregudizzju, jekk sofriet xi danni dan mhux tort ta' l-esponenti;**
**iii. Illi l-esponenti qatt ma kellhom xi dritt illi jiddeciedu terz jintavolax proceduri bil-Qorti, u di piu` illi qatt ma kellu l-poter jirraprezenta lis-socjeta` attrici f'dawn il-proceduri gudizzjarji msemmija, 209/98GCD.**

**Semgha x-xhieda ta' Oliver Lautier, Noel Grech, Charles Scerri u Dr David Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz qed isir mill-attur ghall-hlas li hu ghamel lill-terzi ghan-nom tas-socjeta` konvenuta meta kien impjegat ma' l-istess socjeta`. Saret kontro-talba, fejn mhux qed jigi negat li l-attur ghandu jithallas xi ammont, pero` qed jinghad li ghandu jitnaqqas ammont koncernati spejjez gudizzjarji ta' kawza li giet deciza kontra s-socjeta` konvenuta, u li**

**skond l-istess socjeta` kien il-konvenut li kellu jiehu hsieb din il-kawza u naqas milli jaghmel dan.**

**2. Jirrizulta li fil-fatt is-socjeta` konvenuta kienet qed thallas lill-attur b'rati mensili ta' mitt lira fix-xahar sakemm l-attur ittermina l-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta. Jirrizulta ukoll li l-attur kien ircieva cheque fl-ammont ta' mija disgha u ghoxrin lira Maltija u zewg centezmi (Lm129.02) li ma ssarrafx, peress li l-hlas gie offrut ghas-saldu. Jirrizulta li l-bilanc mitlub mill-attur fl-avviz huwa fil-fatt dovut mis-socjeta` konvenuta lill-attur.**

**3. Dwar il-kontrotalba l-ispejjez gudizzjarji jikkoncernaw kawza li giet deciza mil-Prim'Awla, fl-ismijiet "Dottor John J. Cassar ghan-nom u in rapprezentanza ta' E. Calleja & Sons Limited" Citaz. Nru.209/98GCD. Jirrizulta li qabel ma nfethet il-kawza kien hemm negozjati ghaddejjin biex jippruvaw jilhqu ftehim, u f'dawn in-negozjati biss kien involut l-attur. Ma jirrizultax li l-attur kien qatt infurmat bil-proceduri li kienu ghaddejjin fil-Qorti, u f'dan is-sens xehed Noel Grech, Managing Director tas-socjeta` konvenuta, u konsegwentement l-attur ma jista' jkollu ebda responsabilita` ghall-fatt li l-kawza giet deciza kontra s-socjeta` konvenuta.**

**Ghaldaqstant filwaqt li t-Tribunal qed jichad il-kontro-talba qed jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm361.77), bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Lulju, 2001.**

**L-ispejjez sija tat-talba, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju, 2001, kif ukoll l-ispejjez tal-kontro-talba, ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**